MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2289/2000/1

**Joseph ATTARD, Nikolina Buġeja, Francis Ebejer, Saviour Mifsud u Nażżareno Tanti**

**vs**

**It-Tabib Dr. Ray BUSUTTIL fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur (Ġenerali) Saħħa, u l-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Ottubru, 2000, li bih l-atturi qegħdin jitolbu li l-imħarrkin jieqfu milli jċaħħduhom milli jaħdmu xogħol b'sahra. L-atturi qegħdin jgħidu li l-imħarrkin, jew min minnhom, iddiskriminaw kontra tagħhom għaliex żammewhom milli jaħdmu xogħol b'sahra bħala tpattija talli huma kienu qegħdin jieħdu sehem f'azzjonijiet industrijali, filwaqt li ħaddiema oħrajn

bħalhom li m'humiex qegħdin jieħdu sehem fl-azzjoni industrijali qegħdin jingħataw xogħol b'sahra;

Rat in-Nota mressqa fis-16 ta' Frar, 2001, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok, qalu lil-Avukat Ġenerali ma messux ġie mħarrek, għaliex hu ma għandu x'jaqsam xejn mat-tilwima industrijali li tirrigwarda biss impjegati pubbliċi u d-dipartiment tal-Gvern li jaħdmu miegħu. Qalu li l-azzjoni ma tiswiex, għaliex l-atturi ma ħarsux dak li l-liġi tipprovdi li għandu jsir meta titressaq azzjoni kollettiva. Fil-mertu, qalu li ma sar l-ebda trattament diskriminatorju mal-atturi u għalhekk l-azzjoni m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, minbarra li l-atturi ma jgawdux dritt għal xogħol b'sahra. Fl-aħħarnett, għalkemm l-atturi jgħidu li qegħdin iġarrbu danni, ma għamlu l-ebda talba f'dan is-sens u l-azzjoni attriċi ma tistax taqa' taħt waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju li dwaru jistgħu jintalbu d-danni;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Frar, 2001[1], li bih sar qbil li l-Avukat Ġenerali seta' jinħareġ milli jibqa' fil-kawża billi ma kienx kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u wkoll li bih l-imħarrek Direttur Ġenerali tas-Saħħa irtira t-tieni eċċezzjoni tiegħu wara li l-għaref avukat tal-atturi fisser il-kawżali waħdanija li fuqha l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom;

Rat id-degriet tas-16 ta' Marzu, 2001, li bih il-Qorti (diversament presjeduta) ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi marbuta mal-każ;

Rat il-provi miġbura mill-Assistent Ġudizzjarju;

Tirrileva li "affidavit" imressaq mill-imħarrek f'Nota tat-23 ta' April, 2002[2], b'għadd ta' dokumenti mehmużin miegħu ma ġiex maħluf minn min għamlu u għalhekk mhux sejjer jitqies meta jsir l-apprezzament tal-provi;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2003, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet, liema

[1] Paġ. 13 tal-proċess
[2] Dok "BG1"

żmien ġie mtawwal b’degriet ieħor tat-8 t’Ottubru, 2003, wara li l-ebda parti ma kienet ressqet is-sottomissjonijiet tagħha fiż-żmien lilha mogħti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi, li ġiet ukoll traskritta fl-atti[3];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern fit-30 ta’ Settembru, 2004[4], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmulin mill-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-5 ta’ Ottubru, 2004 u tad-9 ta’ Frar, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta’ għamil diskriminatorju kontra l-liġi. L-atturi jgħidu li l-imħarrek Direttur Ġenerali tas-Saħħa mexa ħażin magħhom meta ma ħallihomx jagħmlu xogħol b’sahra talli kienu qegħdin jobdu direttiva, mogħtija mill-*union* li tagħha huma msieħba, fil-qafas ta’ tilwima industrijali li kienet għaddejja dak iż-żmien. L-atturi jgħidu li l-imġiba tal-imħarrek tmur kontra l-artikolu 18(4) tal-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali[5];

Illi l-imħarrek laqa’ billi ċaħad li kien qiegħed jiddiskrimina b’xi mod mal-atturi u seħaq li l-atturi ma kellhom l-ebda jedd li jagħmlu xogħol b’sahra;
Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-atturi kollha jaħdmu fl-Isptar Monte Karmeli. Fl-2000, id-Diviżjoni tas-Saħħa wettqet eżerċizzju ta’ tqassim ġdid tal-infirmiera fl-imsemmi Sptar. Kienu ilhom għaddejjin diskussjonijiet mal-*unions* konċernati għal bosta xhur, billi ma kienx intħalaq qbil magħhom. Illi f’Mejju tal-2000, il-

---

[3] Paġġ. 112 sa 121 tal-proċess
[4] Paġġ. 122-5 tal-proċess
[5] L-imsemmija Liġi ġiet imħassra bl-Att XXII tal-2002 (Kap 452), imma l-imsemmi artikolu jagħmel parti mil-liġi l-ġdida bħala l-art. 64(4)

General Workers Union kienet ħarġet direttiva[6] lill-membri tagħha li jaħdmu fl-Isptar biex jinjoraw l-ordni mogħtija lilhom biex jibdlu s-sala tax-xogħol u biex, minflok, jibqgħu jirrapportaw għax-xogħol fis-swali li kienu fihom qabel. Fiż-żmien li d-direttivi kienu fis-seħħ, l-atturi kienu kollha *enrolled nurses* u kollha kienu jaħdmu fl-Isptar. L-attur Attard kellu wkoll funzjonijiet sindakali, billi kien *shop steward* u kif ukoll assistent segretarju tat-Taqsima relattiva tal-Union;

Illi b'ittra datata 8 ta' Ġunju, 2000[7], intbagħtet ittra ta' protesta mill-Union konċernata lill-Aġent Direttur Ġenerali tas-Saħħa kontra d-deċiżjoni li ħaddiema li kienu qegħdin isegwu d-direttivi fl-azzjoni industrijali ma kinux qegħdin jitħallew jagħmlu xogħol b'sahra. Din l-ittra ġiet imwieġba l-għada[8] mid-Direttur Sptarijiet Dr Cachia. B'ittra datata 28 ta' Awissu, 2000[9], l-atturi u mpjegati oħrajn li kienu qegħdin isegwu d-direttivi, ġew mgħarrfa li sakemm jibqgħu ma jirrapportawx għax-xogħol fil-post li ġie mogħti lilhom skond l-eżerċizzju tad-"*deployment*", ma kinux sejrin jitħallew jagħmlu xogħol b'sahra u lanqas jieħdu l-benefiċċju tat-"*time-off-in-lieu*". Fit-12 ta' Ottubru, 2000, infetħet il-kawża;

Illi fis-26 ta' Marzu, 2001, intlaħaq ftehim bejn il-G.W.U. u d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa, ma' liema ftehim kienu ġew speċifikati wkoll arranġamenti partikolari dwar l-atturi Attard u Mifsud madwar xahar wara[10];

Illi, minn dak li jirriżulta mill-provi miġbura u mis-sottomissjonijiet imressqa, jeħtieġ li jiġi ċċarat punt li l-Qorti tqis li huwa determinanti għas-soluzzjoni tal-kwestjoni. Dan il-punt hu jekk is-sahra li l-atturi qegħdin jgħidu li ġew imċaħħdin minnha kellhiex titwettaq fl-istess swali jew ċentru tal-Isptar li fih kienu jaħdmu jew jekk kellhiex titwettaq fi swali jew ċentri differenti. L-imħarrek jibni l-biċċa l-kbira mill-każ tiegħu fuq l-argument loġiku li l-atturi riedu li jibqgħu jaħdmu fis-swali jew ċentru li kienu

[6] Dok "AS1", f'paġ. 15 tal-proċess
[7] Dok "JAS", f'paġ. 46 tal-proċess
[8] Dok "JAS1", f'paġ. 47 tal-proċess
[9] Dokti. "JA" u "MS", f'paġġ. 34 u 79 tal-proċess
[10] Dok "JAS2":, f'paġ. 48 tal-proċess

jaħdmu fihom qabel id-“*deployment*”, imma li jingħataw jagħmlu xogħol b'sahra fi swali oħrajn. Fi kliem ieħor, l-imħarrek jgħid li jekk l-atturi riedu jkunu konsistenti mar-raġuni li għaliha kienu qegħdin jagħmlu l-azzjoni industrijali (jiġifieri dik li jitħallew jaħdmu fis-swali li kellhom qabel) ma jinftihemx li huma jridu li jingħataw jagħmlu xogħol b'sahra fi swali oħrajn. Min-naħa l-oħra, mill-atti tal-kawża u minn dak li jissemma fid-dikjarazzjoni mal-Att taċ-Ċitazzjoni, l-atturi jilmintaw li qegħdin jiġu miżmuma li jagħmlu sahra “meta jkun hemm bżonn **anki fl-istess swali fejn jaħdmu**, meta impjegati oħra li mhux qed jieħdu sehem fl-azzjoni industrijali imsemmija, qegħdin jingħataw xogħol ‘*overtime*’ u ħlas għalih”;

Illi l-provi mressqa jtennu l-formulazzjoni tal-atturi. Filwaqt li huma ma jeskludux li t-talba tagħhom għal sahra kienet marbuta wkoll ma' xogħol bħal dan fi swali oħra, jitolbu wkoll li jingħataw xogħol tas-sahra fl-istess swali li huma ma ridux jitilqu minnhom. Fil-fatt, irriżulta[11] li f'uħud mill-istess swali li l-atturi baqgħu jaħdmu fihom kien isir xogħol b'sahra u ħadd mill-atturi ma ngħata dan ix-xogħol, li ngħata lil impjegati oħrajn sħabhom. B'żieda ma' dan għandu jingħad li l-imħarrek bl-ebda mod ma miera x-xhieda mogħtija mill-atturi dwar dan l-aspett. Barra minn hekk, ix-xhieda ta' l-Manager Nursing Services[12] ma xxejjinx l-istqarrijiet tal-atturi, u ma teskludix li dak li seħqu dwaru l-atturi kien fil-fatt qiegħed iseħħ;

Illi mill-provi jirriżulta wkoll li l-atturi kollha kienu qegħdin isegwu d-direttiva tal-*union* tagħhom fil-qafas tat-tilwima industrijali reġistrata minħabba li ma ntlaħqx qbil dwar l-eżerċizzju tad-“*deployment*” imfassal mill-amministrazzjoni tal-Isptar. Jirriżulta wkoll li, sakemm damet fis-seħħ dik id-direttiva l-ebda wieħed mill-atturi ma ngħata jagħmel xogħol b'sahra;

Illi l-Qorti tibda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jolqtu din il-kawża billi tgħid li hija bl-ebda mod ma ntalbet jew qegħda tippronunzja ruħha dwar is-siwi tal-eżerċizzju tad-“*depolyment*” li kien il-qofol tal-kwestjoni li tat lok għal din

[11] Per eżempju, x-xhieda tal-attriċi Buġeja 27.9.2001, f'paġ. 35 tal-proċess
[12] Dok “BG2”, f'paġġ. 68-9 tal-proċess

il-kawża. Lanqas ma qegħda tagħti xi fehma jew ġudizzju dwar is-siwi jew il-ġustifikazzjoni tal-azzjoni industrijali li ttieħdet b'rejazzjoni għall-imsemmi eżerċizzju. Hija sejra tieħu qies biss tal-fatt li kien hemm tilwima ta' xogħol bejn l-*union* li tagħha l-atturi kienu msieħba u d-Dipartiment immexxi mill-imħarrek, u li kien hemm azzjoni industrijali parzjali fi ħdan u b'konsegwenza ta' dik it-tilwima, fil-post tax-xogħol tal-atturi;

Illi l-azzjoni attriċi qegħda titlob, fl-ewwel lok, dikjarazzjoni li l-imħarrek jaħti ta' mġiba diskriminatorja kontra l-atturi bi ksur tal-artikolu 18(4) tal-Kap 266, u fit-tieni lok, li l-imħarrek ma jibqax iċaħħadhom milli jagħmlu xogħol b'sahra. Minn dak li irriżulta[13] waqt il-ġbir tal-provi, jidher li hi u miexja l-kawża l-atturi kienu reġgħu bdew jingħataw xogħol b'sahra u dan b'seħħ minn April tal-2001. Minħabba d-dikjarazzjoni mitluba u minħabba li l-imsemmi żvilupp seħħ fil-mori tal-kawża, jibqa' rilevanti li l-Qorti tqis it-talbiet, ukoll jekk biss għall-effetti residwali marbuta mal-azzjoni ewlenija;

Illi l-artikolu li fuqu l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom huwa magħmul minn żewġ regoli distinti, minkejja li huma mibnija f'dispożizzjoni waħda. Dan seta' wassal biex l-imħarrek jiddikjara li l-atturi kienu sejsu t-talba tagħhom fuq tifsira "għal kollox sgwidata u sbaljata"[14]. Dik id-dispożizzjoni, fl-ewwel lok, tħares lil kull persuna minn azzjoni għal danni dwar (i) kull għamil li hija tirrikorri għalih, (ii) bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'il quddiem tilwima ta' xogħol, (iii) skond direttiva maħruġa minn *trade union*. Dak huwa l-prinċipju kardinali, liema prinċipju jgħodd kemm jekk il-persuna li twettaq dak l-għamil tkun imsieħba f'dik il-*union* u wkoll jekk ma tkunx. It-tieni norma mħarsa fl-imsemmija dispożizzjoni hi li l-ebda prinċipal ma jista' jtemm il-kuntratt ta' mpieg ta' persuna li wettqet għamil kif hemm imsemmi jew jiddiskrimina kontriha għaliex tkun wettqet dak l-għamil għar-raġuni biss li wettqet dak l-għamil, sakemm tali għamil ma jkunx bi ksur ta' ftehim industrijali, ta' ftehim volontarju jew ta' deċiżjoni tat-tribunal;

[13] Ara x-xhieda tal-attur Joseph Attard 27.9.2001, f'paġ. 36 tal-proċess
[14] Paġ. 122 tal-proċess

Illi l-azzjoni attriċi tinbena fuq din it-tieni fergħa tal-artikolu 18(4) tal-Kap 266 (illum 64(4) tal-Kap 452), u mhux fuq l-ewwel waħda;

Illi l-Qorti tifhem u taqbel ma' dak li issottomettiet l-għaref avukat tal-imħarrek dwar il-jedd u l-prerogattiva tal-prinċipal li jiddetermina u jagħżel, fl-aħjar dehen tiegħu, fejn u kif il-ħaddiema tiegħu għandhom jitqassmu għat-twettieq ta' xogħolhom fl-aħjar interessi tat-tmexxija effiċjenti tad-dipartiment konċernat. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li d-dritt industrijali ma jagħti l-ebda jedd lil xi ħaddiem li jkun hu, u mhux l-imgħallem tiegħu, li jagħżel fejn jaħdem jew li post li kien fih isir tiegħu u ma jista' jneħħih ħadd minnu. Naturalment, dan ifisser ukoll li ċ-ċaqlieq ta' ħaddiema minn banda għal oħra irid ikun motivat minn raġunijiet mistħoqqa marbuta mal-ħtiġijiet tal-post tax-xogħol u t-tħaddim bl-aħjar mod possibbli tar-riżorsi umani disponibbli. Hekk dejjem kien meqjus mill-qrati u tribunali tagħna, li mhux darba jew tnejn għarfu jiddistingwu bejn ċaqlieq ta' ħaddiema għal raġunijiet ta' ristrutturar ġenwin mill-banda l-waħda u, mill-banda l-oħra, trasferimenti maħduma bi spirtu soġġettiv ta' tpattija jew vendikazzjoni. Fuq dawn il-prinċipji, ma jidher li hemm l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'din il-kawża;

Illi l-istess ħaġa għandha tingħad dwar "il-jedd" għas-sahra. Kif sewwa osserva l-għaref difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni tiegħu, l-atturi jifhmu li l-ebda ħaddiem ma għandu "jedd" għas-sahra, bħallikieku dan kien xi konsegwenza inevitabbli tal-kuntratt tal-impieg. Il-Qorti tifhem li t-twettiq ta' xogħol b'sahra ma kien qatt meqjus mil-liġi bħala waħda mill-kundizzjonijiet magħrufa tax-xogħol. Għall-kuntrarju, is-sahra kellha dejjem titqies fid-dawl tal-jedd tal-ħaddiem li, fil-ħarsien tiegħu għall-mistrieħ xieraq mix-xogħol, ma jiġix imġiegħel iwettaq xogħol b'sahra lil hinn mill-ħinijiet permessi mil-liġi. Dak li ġara matul is-snin hu li, billi x-xogħol bis-sahra jirrendi dħul ogħla mill-istess xogħol imwettaq fil-ħinijiet "normali", bosta kienu l-ħaddiema li tħabtu u fittxew li jidħlu jaħdmu s-sahra biex itejbu d-dħul tagħhom. F'bosta ażjendi, s-sistemi tat-tqassim u l-applikabilita' ta' arranġamenti dwar

sahra kienu laħqu livell sofistikat u istituzzjonaliżżat li jqarrab għal għarfien uffiċjali ta' xi "dritt". Imma dan kollu xejn ma jibdel mill-qagħda tal-liġi. Lanqas dwar dan kollu, m'hemm nuqqas ta' qbil sostanzjali bejn il-partijiet f'din il-kawża;

Illi, madankollu, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti tirriżulta ċirkostanza li tmur lil hinn mill-prinċipji li għadhom kemm issemmew. Dan jingħad għaliex, mill-provi mressqa, jirriżulta li filwaqt li l-imħarrek ma eżerċitax il-jedd tiegħu biex jinsisti li l-atturi jirrapportaw għax-xogħol fit-taqsimiet tal-isptar li deherlu li kienu l-aktar meħtieġa (u dan minħabba li huma kienu qegħdin isegwu direttiva tal-*union* tagħhom fil-qafas ta' tilwima industrijali li kienet fis-seħħ) kif kellu kull jedd li jagħmel, irrikorra għal miżura li biha l-atturi ma ngħatawx jagħmlu aktar xogħol b'sahra lanqas fil-post fejn kienu baqgħu jirrapportaw. Dan kollu seħħ meta irriżulta wkoll li xogħol b'sahra f'dawk il-postijiet kien għadu jsir u baqa' jingħata lil impjegati oħrajn, sħab l-atturi (ukoll jekk ma kinux tal-istess grad), li ma kinux qegħdin isegwu d-direttivi sindakali fl-imsemmija tilwima;

Illi din l-għamla ta' "ritorsjoni", li tirriżulta li kienet marbuta mat-tilwima industrijali, ħolqot trattament differenti fil-konfront tal-atturi meta mqabbel mat-trattament li kienu qegħdin jingħataw impjegati oħrajn sħabhom fl-istess ċirkostanzi. Id-differenza waħdanija li tirriżulta kienet li l-atturi kienu qegħdin isegwu d-direttivi f'tilwima industrijali, u l-ebda wieħed jew waħda mill-ħaddiema l-oħrajn li ngħataw xogħol b'sahra f'dawk l-istess swali jew ċentri tal-Isptar ma kienu qegħdin isegwu dik id-direttiva. Din id-differenza ta' trattament, fil-fehma tal-Qorti, kienet tikkostitwixxi trattament diskriminatorju sewwasew minħabba jew b'konsegwenza ta' sehem f'azzjoni industrijali;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, biex jista' jingħad li seħħet diskriminazzjoni għall-finijiet tal-artikolu li fuqha nbniet l-azzjoni attriċi, mhux meħtieġ li din titqiegħed fil-parametri jew fit-termini mfissra fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Kull għamil imwettaq minn prinċipal fil-konfront ta' impjegat li jkun segwa direttiva mogħtija minn *union* waqt tilwima tax-

xogħol u minħabba f'dik it-tilwima li ma jkunx għamil li jingħata jew ma jingħatax lil xi impjegat jew impjegati oħrajn, jikkostitwixxi trattament diskriminatorju għall-finijiet tal-liġi industrijali[15];

Illi ċ-ċaħda ta' għoti ta' xogħol b'sahra meta r-raġuni tkun mibnija fuq il-fatt tas-sħubija f'*union* partikolari ta' dik il-persuna mċaħħda jew minħabba li dik il-persuna segwiet direttiva ta' *union* waqt tilwima tax-xogħol hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, nuqqas sanzjonabbli daqs iċ-ċaħda ta' għoti ta' sahra lil persuna għar-raġuni li ma kinitx membru ta' *union* magħrufa f'dak il-post tax-xogħol[16];

Illi l-argumenti tal-imħarrek fis-sens li l-atturi baqgħu ma ġewx offruti xogħol b'sahra għar-raġuni waħdanija li kienet il-Union tagħhom "l-aħħar union li waslet għal ftehim mal-Gvern"[17] tikkonferma mhux biss li ċ-ċaħda tas-saħra kienet sewwasew minħabba t-tilwima tax-xogħol, imma li saret fil-konfront ta' mpjegati msieħba ta' *union* partikolari u magħhom biss. Din il-Qorti lanqas ma tista' taċċetta b'siewja s-sottomissjoni tal-imħarrek li "diskriminazzjoni tirriżulta biss meta jkollok trattament l-istess għal persuni li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni": ikollok diskriminazzjoni meta tagħti trattament differenti lil persuni li jkunu fl-istess sitwazzjoni, fejn ir-raġuni tat-trattament differenti ma tkunx waħda li l-liġi taċċetta jew trid;

Illi l-liġi li kienet fis-seħħ fiż-żmien li nbdiet il-kawża u l-liġi fis-seħħ illum itennu l-prinċipju li l-ebda azzjoni m'għandha ssir minn xi prinċipal li biha ssir jew jintwera li saret diskriminazzjoni ma' xi persuna (ħaddiem jew dipendenti) minħabba li obdiet, ħarset jew osservat direttiva ta' *union* bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** u tiddikjara li l-Avukat Ġenerali m'hux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, billi għal

[15] Kost. **25.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Buhaġiar pro et noe vs Ministru tal-Edukazzjoni*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.350**)
[16] Kost. **8.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Meilaq et noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.33**)
[17] Paġ. 124 tal-proċess

din kellu jitħarrek biss id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa, u għalhekk qegħda teħles lill-Avukat Ġenerali milli jibqa' fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-atturi;

**Tiddikjara** li l-imġiba tal-imħarrek Direttur Ġenerali tas-Saħħa fil-konfront tal-atturi kienet tikkostitwixxi mġiba diskriminatorja għall-finijiet tal-artikolu 18(4) tal-Kap 266 tal-Liġijiet ta' Malta (illum l-arikolu 64(4) tal-Kap 452);

**Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-istess imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tipprovdi dwar l-ewwel talba,** u dan safejn il-mertu ma ġiex eżawrit matul iż-żmien li kienet qegħda tinstama' l-kawża, billi tordna lill-imħarrek li jieqaf milli jċaħħad lill-atturi milli jikkwalifikaw u jingħataw jagħmlu xogħol ta' sahra bħal sħabhom u skond kemm ikun meħtieġ; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż tal-kawża, ħlief għall-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali, li għandhom jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------